MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Numru. 28/2014

Il-**Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**Brian Muscat ta' 41 sena, iben Bartolomeo u Filomena nee` Camilleri mwieled fis-6 ta' April 1971 Malta. Detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru 177771M u residenti 32, Shady, Triq Don Alvaro De Sande, Mosta**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u cioe` Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar, Malta nhar l-20 ta' Lulju 2013 ghal habta ta' 14.15 ta' filghodu minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' Kin Louise Muscat f'periklu car, hebb ghaliha u kkagunalha ferita ta' natura gravi, skond ma ccertifika Mohamed Ashraf M.D. reg no: 5385 mic-centru tal-emergenza tal-Isptar Mater Dei.

Art 216 ta' Kap 9

Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkawza griehi ta' natura gravi lil mara tieghu Kim Louise Muscat, skond ma ccertifika Mohamed Ahsrah MD reg no: 5385 mic-centru tal-emergenza tal-Isptar Mater Dei.

Art 222, 1(a) ta' Kap 9.

Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika b'ghajjat u/jew glied u/jew mod iehor.

Art 338(dd) tal-Kap 9.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba tittratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Art 50 ta' Kap 9.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghall-akkadut.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 216(1)(a)(iii), 221(1)(a), 338(dd) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lil hati b’garanzija fil-konfront ta’ Kim Louise Muscat that penali ta’ elf euro (€1,000) ghal zmien sena mil-lum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------